**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.**

**Illum 08 ta' Frar, 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christian Abela)**

**vs**

**Sammy Alwakil**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Sammy Alwakil, ta' 20 sena, iben Fatima Alwakil, imwieled Pieta' nhar it-12 ta' Novembru 2000, residenti gewwa l-fond bin-numru 17, Thelma, Flat 2, Triq Barnaba, Bugibba u detentur tal-karta ta' l-Identita' bin-numru 0432500L u passport Malti MT023143.

Akkuzat talli fis-06 ta' Frar 2021 u/jew fil-jiem, gimghat jew xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, kellu f'idejh passaport, mahrug minn awtorita' kompetenti, jew le, ittrasferixxa dan il-passaport lil persuna ohra jew ircieva passaport li gie trasferit lilu minn persuna ohra u dan bi ksur tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsidserazzjoni min-naha n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-eta ta' l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikolu 3 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputatzzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah xahar prigunerija.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**